**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 105/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Joseph Cordina )**

**Vs**

**JASON JAMES AGIUS**

**Illum, 5 ta'Novembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Jason James Agius talli fit-30 ta'Marzu, 2000, ghal habta tas-7.30 a.m., fil-Hamrun :

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta'xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-Ispettur Alexander Paul Miruzzi, u ufficcjali ohra tal-pulizija, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li dawn kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta'ordni moghti skond il-ligi, bi ksur ta' l-Artikolu 96 (a) tal-Kodici Kriminali;
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku, bi ksur ta' l-Artikolu 338 (bb) tal-Kodici Kriminali;
3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied, bi ksur ta' l-Artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waddab oggetti iebsin fid-direzzjoni ta'haddiehor, bi ksur ta' l-Artikolu 339 (b) tal-Kodici Kriminali;
5. Fl-istess data, gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun, ingurja jew hedded lil diversi ufficcjali tal-pulizija, persuni nkarigati b'servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali;
6. Sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, u dan wara li kien gie kundannat b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 10 t'Awwissu, 1991, 24 ta'Jannar, 1995, 12 ta'Marzu, 1997, u 29 ta'Settembru,1999, li saru definttivi w ma jistghux jigu mibdula;
7. Kiser il-provvediment tal-Probation, Artikolu 9 tal-Kap. 152, li kien gie impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza taghha tat-13 ta'Marzu, 2000.

Rat is-sentenza moghtija fit-22 ta'Mejju, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha sabet lill-Jason James Agius hati ta' dawn l-akkuzi kollha, u kkundannatu ghal sitt (6) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors t'appell ta'Jason James Agius datat 24 ta'Mejju, 2001, li bih talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni jew htija.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi ghalkemm l-appellant qieghed jappella mis-sentenza ta’ l-ewwel Qorti anke fil-meritu, cioe’ ghas-sejbien ta’htija tieghu fl-akkuzi kollha, principalment l-aggravju tieghu jikkonsisti fil-fatt li mill-provi li tressqu quddiem dik il-Qorti kienet tonqos il-prova rikjesta mil-ligi dwar l-akkuzi tar-recidiva w talli kiser l-provvediment ta’ l-Artikolu 9 tal-Kap. 152. Hu jikkontendi li gja’ la darba ma hemmx din il-prova dwar l-ahhar zewg akkuzi dedotti kontrih, allura l-ewwel Qorti kellha tiddikjarah mhux hati taghhom, u konsegwentement, ghar-rigward l-akkuzi l-ohra, timponi fuqu, se mai, piena aktar gusta w ekwa, mehud in kunsiderazzjoni l-problema li ghandu tax-xorb alkoholiku w in linea mar-rakkomandazzjoni maghmulha mill-Ufficcjal tal-Probation Marietta Lanzon.

Dwar l-aggravju tieghu fuq il-meritu, din il-Qorti ftit ghandha xi tghid. Il-provi huma ferm cari w ma jhallu ebda dubju dwar ir-responsabilita’ kriminali ta’ l-appellant fl-agir tieghu fil-post, data w hin imsemmija fl-akkuzi. Dak ta’ l-ewwel Qorti kien apprezzament tal-provi maghmul tajjeb u, in bazi ta’dawk il-provi, dik il-Qorti certament setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif fil-fatt ikkonkludiet.

Dwar l-aggravju tieghu riferibbilment ghan-nuqqas tal-prova skond il-ligi fuq l-akkuzi tar-recidiva u ksur ta’ l-Artikolu 9 tal-Kap. 152, l-appellant jikkontendi li quddiem l-ewwel Qorti l-prosekuzzjoni naqset li tesebixxi s-sentenzi relattivi in sostenn ta'dawn l-akkuzi, u dan kif solitament jsir, u ghandu jsir, biex jigu pruvati dawn l-akkuzi. Kull ma hemm fl-atti hemm verbal li l-avukat difensur ta’ l-appellant (allura imputat) kien qed jezenta lill-prosekuzzjoni li ggib il-prova ta’ l-identita’ ghar-rigward is-sentenzi msemmija fl-akkuzi. L-appellant isostni li ghalkemm gie verbalizzat hekk, xorta kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi msemmija f’dawn l-akkuzi. Jghid li imbaghad, in linea ma’dak li vverbalizza, ma kienx ikun hemm il-bzonn li wara l-prosekuzzjoni ggib provi sabiex tipprova li l-persuna akkuzata w misjuba hatja f’dawk is-sentenzi kienet il-persuna ta’ l-istess appellant/imputat. Hu jghid li l-fatt li l-prosekuzzjoni esebit l-fedina penali tieghu, fejn hemm indikat dawn iz-zewg sentenzi, mhiex il-prova sufficcjenti li trid il-ligi biex jigu pruvati dawn l-akkuzi.

Issa huwa minnu li hemm verbal fejn hemm dikjarat dak li ntqal minn naha ta' l-avukat difensur ta' l-appellant, u hu veru wkoll li in vista ta' din id-dikjarazzjoni, il-prosekuzzjoni qatt ma esebit kopja ufficcjali tas-sentenzi indikati fl-akkuzi partikolari. Hu veru wkoll li n-nuqqas li jigu esebiti kopji tas-sentenzi relattivi, debitatment awtentikati bhala kopji ufficcjali mir-Registratur tal-Qorti, ma jistghax jigi sostitwit b'dak li hemm fil-fedina penali ta' l-appellant l-ghaliex dan id-dokument mhux l-ahjar prova ufficcjali ghar-rigward taz-zewg akkuzi imsemmija.

Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficcjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita'. Hu propju hawnhekk imbaghad li l-prosekuzzjoni, in vista ta'dikjarazzjoni bhal dik maghmulha mill-avukat difensur ta' l-appellant, ma jkollhiex il-bzonn li tipproduci xhieda jew provi ohra biex turi a sodisfazzjoni tal-Qorti sal-grad rikjest mil-ligi li l-persuna misjuba hatja f'dawk is-sentenzi hi l-istess persuna akkuzata quddiemha. Pero', l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita'. Jekk ma tigiex esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficcjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistghax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati w li kien gie liberat taht il-provvediment ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152. Il-fatt li f'dan il-kaz hemm l-imsemmi verbal maghmul mill-avukat difensur ta' l-appellant qatt ma jista' jfisser li din hi xi forma ta' ammissjoni ta' l-appellant/imputat ghaz-zewg akkuzi ta' l-ahhar dedotti kontrih.

Veru li forsi din tidher li hi biss xi teknikalita', pero', fil-fatt hi prova essenzjali w forsi hu l-mument li tingibed l-attenzjoni tal-prosekuzzjoni sabiex fil-futur toqghod attenta li dejjem u fi kwalunkwe kaz tesebixxi kopji ufficcjali ta'sentenzi li in bazi taghhom tipprova xi recidiva jew ksur ta' xi ordni ta'liberazzjoni taht kundizzjoni, jew xi ordni simili ohra. Fil-kaz prezenti, tonqos din il-prova li qatt kien hemm xi gudizzju precedenti kontra l-appellant b'riferenza ghall-akkuzi tar-recidiva w ksur ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152. Hu propju ghalhekk li din il-Qorti thoss li jkun opportun li kopja ta' din is-sentenza

tigi minnufih mibghuta lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jara li sitwazzjonijiet simili ma jirrepetux ruhom fil-futur quddiem il-Qrati taghna.

Ghal din ir-raguni l-Qorti tilqa' t-talba ta' l-appellant dwar dan l-aggravju tieghu ghar-rigward l-ahhar zewg akkuzi dedotti kontrih.

Dwar il-piena, ovvjament minhabba r-riforma li sejra ssir fis-sentenza appellata, sejjer ukoll ikun hemm bdil fil-piena. Barra minn hekk, il-Qorti sejra wkoll tirreferi ghal dak li gie sottomess mill-Ufficcjal tal-Probation Marietta Lanzon fir-rapport taghha esebit f'dawn l-atti. Hu ferm evidenti li l-appellant qed jaghmel progress tajjeb fl-isforz tieghu biex johrog mill-problema ta' l-alkolhol. Din il-Qorti, ghalhekk, ma trid taghmel xejn li b'xi mod jista' jfixkel dan il-progress, fis-sens li hi tal-fehma li piena karcerarja f'dawn ic-cirkostanzi mhiex wahda adegwata.

Ghalhekk, il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell ta'Jason James Agius billi (**1**) tichdu ghal dak li jirrigwarda s-sejbien u dikjarazzjoni ta'htija riferibbilment ghall-akkuzi fuq numerati 1 sa 5, u ghalhekk qed tikkonferma s-sentenza appellata w l-htija tieghu f'dawn l-akkuzi, (**2**) tilqghu ghar-rigward l-akkuzi fuq numerati 6 u 7, u ghalhekk qed tirrevoka u thassar is-sentenza appellata f'din il-parti, u tilliberah minn dawn iz-zewg akkuzi, u (**3**) tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok dik karcerarja nflitta mill-ewwel Qorti, din tigi mibdula b' wahda pekunjarja billi qed tikkundanna lill-appellant komplessivament fuq l-akkuzi misjub hati ghall-Multa ta'hames mitt lira Maltin (Lm500).

Tordna, finalment, li kopja ufficcjali ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-fini fuq imsemmi.

Aldo Testone

Deputat Registratur